MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Numru 135/2004

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Edward Licari, iben Bernard,
imwieled Attard fis-6 ta’
frar, 1977

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-7 ta’ frar, 2004 għal ħabta ta’ bejn is-2.45 a.m. u it-3.00 a.m. ġewwa
l-istabiliment magħruf ‘Sabor de Mexico’, Triq Wilga, Paceville, San Ġiljan mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f’perikolu ċar, ikkaġuna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Adrian Zammit minn Birkirkara skond kif iċċertifika Dr. Patrick Farrugia M.D. ta’ l-Isptar San Luqa;

2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi ħebb għal Adrian Zammit sabiex jiġurja, jdejqu jew jagħmillu ħsara;
3. talli fl-istess data, lok u ċirkostanżi ġewwa San Ġiljan volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'għajjat u ġlied.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta ta' Adrian Zammit billi torbot lill-imputat b'obligazzjoni taħt il-kondizzjonijiet li jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' marzu, 2004 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-feriti li ġarrab Adrian Zammit huma ta' natura ħafifa, li Adrian Zammit ħafer lill-imputat u li mhux se joffri x-xhieda tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' marzu, 2004 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li ma għandhiex provi xi tressaq.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment eżawrit għal dak li jirrigwarda l-ewwel żewġ akkużi u fin-nuqqas ta' provi tiddikjara lill-imputat mhux ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------